# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' April 2025.**

**Numru 2**

**Rikors numru 129/2021/1 ISB**

**Credence Corporate and Advisory Services Limited (C-40192)**
**u Credence Fiduciary Limited (C-43504)**

**v.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja**
**u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025 l-atturi taw l-eċċezzjoni ta' rikuża u f'każ li ma tilqax l-istess l-Imħallfin li qegħdin jippresjedu għandhom jikkunsidraw l-astensjoni. Il-Qorti tat lill-atturi 21 jum sabiex jippreżentaw nota dwar l-istess bi dritt ta' tweġiba għall-konvenuti.

2. Permezz ta' nota preżentata fit-13 ta' Frar, 2025 l-atturi għamlu l-argumenti tagħhom għalfejn l-Imħallfin li qegħdin jippresjedu din il-Qorti għandhom jilqgħu t-talba għar-rikuża. Il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-eċċezzjoni.

3. Il-bażi tal-eċċezzjoni tal-atturi hi li fit-18 ta' Novembru 2024 din il-Qorti kif presjeduta tat is-sentenzi Phoenix Payments Limited vs il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et (51/2022/1) u XNT vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et (320/22/1). Ir-rikorrenti qalu li l-kawża hi identika għal dik ta' Phoenix.

4. Għalkemm il-liġi fl-art. 734 tal-Kap. 12 tgħid x'inhuma r-raġunijiet meta l-eċċezzjoni ta' rikuża tista' tintlaqa', xorta tista' tinħoloq sitwazzjoni mhux prospettata fil-liġi fejn ikun hemm kuntrast mad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq kif garantit taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

5. Fil-każ in eżami r-rikorrenti ma kinux parti fiż-żewġ kawżi fuq imsemmija, u l-fatti ta' kull kawża mhumiex l-istess. F'dan ir-rigward ir-referenza li għamlu r-rikorrenti għas-sentenza tal-QEDB fil-każ San Leonard Band Club v Malta tad-29 ta' Lulju 2004 mhuwiex floku, għaliex

dak il-każ kien jikkonċerna proċeduri ta' ritrattazzjoni fejn il-partijiet kienu l-istess.

6. Fil-kawża 51/2022 din il-Qorti ddeċidiet biss dwar jekk l-artikolu 13 (2) tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u r-regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 jilledux l-art. 39(1) tal-Kodiċi Kriminali. Il-kawża li fetħu l-atturi għalkemm tirreferi għal dawk id-dispożizzjonijiet tinkludi dispożizzjonijiet oħra fil-Kap. 373 li ma kinux mistħarrġa fis-sentenza ta' Phoenix (51/2022).

7. Bir-raġunament tal-attriċi jfisser li kull meta Qorti Ċivili, Prim'Awla jew Qorti Kostituzzjonali tagħti sentenza dwar jekk dispożizzjonijiet ta' liġi ordinarja tilledix dritt fundamentali protett fil-Kostituzzjoni jew fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) ikun ifisser li l-istess Imħallef/Imħallfin ma jistgħux jippresjedu fl-istess Qorti f'kawżi oħra simili li jkunu jirreferu għall-istess dispożizzjonijiet. L-istess f'każijiet oħra fejn il-kwistjoni tkun dwar dispożizzjonijiet partikolari tal-liġi, ikun ifisser li ġudikant jista' jinterpreta u jiddeċiedi darba waħda biss dwar dik id-dispożizzjonijiet partikolari. Ovvjament, dan ma jagħmilx sens.

8. Fis-sentenza AIC Joseph Barbara et vs l-Onor Prim'Ministru et tas-7 ta' Mejju 2012 din il-Qorti qalet hekk:

> *"Madankollu, ghalkemm il-fatti taz-zewg kawzi jixxiebhu kif imfisser fuq, l-konsiderazzjonijiet legali li jghoddu ghal kaz x'aktarx illi jghoddu ghall-iehor ukoll, ma jistax jinghad illi z-zewg kawzi huma l-istess, b'mod illi meta l-imhallef Caruana Demajo ta l-fehma tieghu fis-sentenza ta' Balzan kien gieghed jaghti l-fehma tieghu fug il-kawza tallum, fejn il-partijiet huma differenti l-appartament ukoll huwa differenti. <u>Li kien hekk, kull imhallef li jaghti sentenza dwar interpretazzioni ta' ligi l-applikazzioni taghha ghal fatti partikolari ma jkun jista' jisma' ebda kawza ohra fejn l-istess ligi tigi applikata ghal fatti li jixxiebhu. Imhallef li jaghti decizioni li mghax fuq self ma jistax jagbez l-oghla rata li taghti l-ligi ma jkun qatt izjed jista' jisma' kawza dwar imghax b'uzura. Dan huwa manifestament assurd</u>".*

9. Rilevanti wkoll dak li qalet din il-Qorti fl-<u>appell l-Imħallef Dr C. Farrugia Sacco vs l-Onorevoli Prim Ministru et</u> tas-17 ta' Novembru 2014, fis-sens li l-fatt li ġudikant titressaq quddiemu kwistjoni ta' liġi li jkun diġà ddeċieda dwarha m'hijiex raġuni tajba biex jastjeni jew jilqa' eċċezzjoni ta' rikuża milli jisma il-kawża ta' wara*;*

> *"17. Illi, mill-banda l-oħra, l-fatt li ġudikant titressaq quddiemu kwestjoni legali f'kawża li dwarha jkun diġa' ta d-deċiżjoni tiegħu f'kawża oħra ma jġibx b'daqshekk raġuni tajba biex dak il-ġudikant jastjeni jew ikun rikużat milli jkompli jisma' l-kawża ta' wara.Fl-ewwel lok, kull deċiżjoni tiddependi mhux biss mill-prinċipji legali imma wkoll mill-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari li jsawru l-każ; fit-tieni lok, il-fehma li ġudikant ikun wera f'deċiżjoni tiegħu ta' qabel tista' tieħu xejra oħra fid-dawl ta' argumenti ġodda li jistgħu jitressqu quddiemu jew fid-dawl ta' żvilupp ġurisprudenzjali jew dottrinali jkunu seħħew minn dakinhar li kienet ingħatat id-deċiżjoni ta' qabel".*

10. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-eċċezzjoni tar-rikuża se tiġi miċħuda. Għall-istess raġunijiet mhuwiex il-każ li ssir dikjarazzjoni ta' astensjoni.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża. Spejjeż ta' din id-deċiżjoni a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb